

Brussell, 12 ta' Mejju 2025  
(OR. en)

8809/25  
ADD 1

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2025/0105 (NLE)

---

---

COASI 61	TELECOM 136
ASIE 23	RECH 201
CONOP 29	CLIMA 136
COTER 70	ENER 121
POLCOM 85	TRANS 170
SUSTDEV 23	TOUR 6
PI 84	EDUC 141
GENDER 36	CULT 46
JAI 568	ENV 321
MIGR 159	POLMAR 23
COHAFA 30	SAN 212
COHOM 62	AGRI 183
CODRO 1	EMPL 171
COMPET 355	STATIS 30

## PROPOSTA

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	12 ta' Mejju 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 193 annex
Suġġett:	ANNESSI ta' Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim Qafas dwar Sħubija u Kooperazzjoni Komprensivi bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Renju tat-Tajlandja, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tad-deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt dwar ir-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt, u l-istabbiliment ta' gruppi ta' ħidma speċjalizzati u l-adozzjoni tat-termini ta' referenza tagħhom

---

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2025) 193 annex.

---

Mehmuż: COM(2025) 193 annex



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 12.5.2025  
COM(2025) 193 final

ANNEXES 1 to 2

## ANNESI

ta'

### **Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim Qafas dwar Sħubija u Kooperazzjoni Komprensivi bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Renju tat-Tajlandja, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tad-deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt dwar ir-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt, u l-istabbiliment ta' gruppi ta' ħidma speċjalizzati u l-adozzjoni tat-termini ta' referenza tagħhom**

## ANNEX 1

### DEĊIŻJONI Nru 1/[../..] TAL-KUMITAT KONĠUNT UE-TAJLANDJA ta'... li tadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu

IL-KUMITAT KONĠUNT UE-TAJLANDJA,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Qafas dwar Sħubija u Kooperazzjoni Komprensivi bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Renju tat-Tajlandja, min-naħa l-oħra<sup>1</sup> ("il-Ftehim"), u b'mod partikolari l-Artikolu 52 tiegħu,

Billi:

- (1) Ġew applikati partijiet mill-Ftehim b'mod proviżorju mill-20 ta' Ottubru 2024,
- (2) Għalhekk, jenħtieġ li l-Kumitat Konġunt jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### *Artikolu 1*

Ir-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt, kif stabbiliti fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni, huma b'dan adottati.

#### *Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Iffirmata fi ...,

*Għall-Kumitat Konġunt UE-Tajlandja  
Il-President u l-Kopresident*

---

<sup>1</sup> ĠU UE L 330, 23.12.2022, p. 72–108

## ANNEX I

### REGOLI TA' PROĊEDURA TAL-KUMITAT KONĠUNT UE-TAJLANDJA

#### *Artikolu 1*

##### *Kompiti u konfigurazzjoni*

1. Il-Kumitat Konġunt, stabbilit f'konformità mal-Artikolu 52 tal-Ftehim Qafas dwar Sħubija u Kooperazzjoni Komprensivi bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Renju tat-Tajlandja, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim") għandu jwettaq il-kompiti tiegħu kif previst fil-Ftehim u f'dawn ir-Regoli ta' Proċedura.
2. Skont l-Artikolu 52(4) tal-Ftehim, il-Kumitat Konġunt għandu jkollu l-prerogattiva li jiddiskuti l-funzjonament u l-implimentazzjoni ta' kwalunkwe ftehim speċifiku kif imsemmi fl-Artikolu 53(1). Bħala parti mill-qafas istituzzjonali komuni, il-Kumitat Konġunt għandu jiddiskuti l-kwistjonijiet riferuti lill-mill-kumitati stabbiliti skont kwalunkwe ftehim speċifiku msemmi fl-Artikolu 53(1) u dawk tas-sottokumitati ta' dawk il-kumitati stabbiliti skont il-ftehimiet speċifiċi.
3. Il-Kumitat Konġunt għandu jkun magħmul minn rappreżentanti taż-żewġ Partijiet fl-oġġla livell possibbli.

#### *Artikolu 2*

##### *Presidenza*

1. Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Ministru tal-Affarijiet Barranin tar-Renju tat-Tajlandja għandhom jipprevedu l-Kumitat Konġunt meta jitlaqqa' fil-livell Ministerjali. Huma jistgħu jiddelegaw l-awtorità tagħhom lil uffiċjal għoli.
2. Il-Kumitat Konġunt għandu jkun ippresedut b'mod alternat minn kull waħda mill-Partijiet, għal perjodu ta' sena, mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru tal-istess sena. Il-Parti l-oħra għandha taġixxi bħala Kopresident.

#### *Artikolu 3*

##### *Laqgħat*

1. Il-Kumitat Konġunt għandu normalment jiltaqa' fi Brussell u Bangkok b'mod alternat darba fis-sena jew kif miftiehem mod ieħor mill-kopresidenti. Il-laqgħat tal-Kumitat Konġunt għandhom jitlaqqgħu mill-President li jospita l-laqgħa f'data stabbilita bi qbil reċiproku. Laqgħat straordinarji tal-Kumitat Konġunt jistgħu jsiru fuq talba ta' waħda mill-Partijiet, jekk il-Partijiet jaqblu li jsir hekk.
2. Jekk iż-żewġ Partijiet jaqblu, il-laqgħat tal-Kumitat Konġunt jistgħu jsiru eċċezzjonalment permezz ta' videokonferenza jew telekonferenza.
3. Il-Kumitat Konġunt għandu jiltaqa' fil-livell ministerjali iżda jista' jiltaqa' fil-livell ta' uffiċjali għolja jekk il-Partijiet jaqblu li jsir hekk.
4. Sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor mill-kopresidenti, il-laqgħat tal-Kumitat Konġunt ma għandhomx ikunu pubbliċi.

#### *Artikolu 4*

##### *Parteċipanti*

1. Qabel kull laqgħa, permezz tas-Segretarjat, kull parti għandha tinforma lill-kopresidenti dwar il-kompożizzjoni maħsuba tad-delegazzjoni tagħha.
2. Fejn ikun xieraq u bi qbil reċiproku bejn iż-żewġ Partijiet, esperti jew rappreżentanti ta' korpi oħra jistgħu jiġu mistiedna jattendu l-laqgħat tal-Kumitat Konġunt bħala osservaturi jew sabiex jipprovdu informazzjoni dwar suġġett partikolari.

#### *Artikolu 5*

##### *Segretarjat*

Rappreżentant tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u rappreżentant tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin tat-Tajlandja għandhom jaġixxu b'mod konġunt bħala Segretarji tal-Kumitat Konġunt. Il-komunikazzjonijiet kollha lill-kopresidenti tal-Kumitat Konġunt u mingħandhom għandhom jintbagħtu lis-Segretarji. Il-korrispondenza lill-kopresidenti tal-Kumitat Konġunt u mingħandhom tista' ssir permezz ta' kull mezz bil-miktub, inkluż permezz tal-email.

#### *Artikolu 6*

##### *Aġendi tal-laqgħat*

1. Il-President għandu jfassal aġenda proviżorja għal kull laqgħa. L-aġenda proviżorja għandha tintbagħat, flimkien mad-dokumenti rilevanti, lill-Parti l-oħra sa mhux iktar tard minn 15-il jum kalendarju qabel il-bidu tal-laqgħa.
2. Il-punti li għandhom jiġu inklużi fl-aġenda proviżorja għandhom ikunu ppreżentati lill-President sa mhux aktar tard minn 21 jum kalendarju qabel il-bidu tal-laqgħa.
3. Il-Kumitat Konġunt għandu jadotta l-aġenda fil-bidu ta' kull laqgħa. Punti apparti dawk li jidhru fl-aġenda proviżorja jistgħu jitqiegħdu fuq l-aġenda jekk iż-żewġ Partijiet jaqblu li jsir hekk.
4. Il-President jista', bi qbil mal-Kopresident, iqassar l-iskadenzi msemmija fil-paragrafu 1 sabiex jitqiesu l-ħtiġijiet ta' każ partikolari.

#### *Artikolu 7*

##### *Minuti*

1. L-abbozz tal-minuti ta' kull laqgħa għandhom jitħejjew b'mod konġunt miż-żewġ Segretarji, normalment fi żmien 30 jum kalendarju mid-data tal-laqgħa. L-abbozz tal-minuti għandu jkun ibbażat fuq sinteżi mill-President tal-konklużjonijiet li jkun wasal għalihom il-Kumitat Konġunt.
2. Il-minuti għandhom jiġu approvati miż-żewġ Partijiet fi żmien 45 jum kalendarju mid-data tal-laqgħa jew sa kwalunkwe data oħra li jaqblu dwarha l-Partijiet. Malli jintlaħaq qbil dwar l-abbozz tal-minuti, żewġ kopji oriġinali għandhom jiġu ffirmati mill-President u l-Kopresident. Kull Parti għandha tirċievi kopja oriġinali.

## *Artikolu 8*

### *Deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet*

1. Il-Kumitat Konġunt jista' jieħu deċiżjonijiet u jagħmel rakkomandazzjonijiet sabiex jinkisbu l-għanijiet ta' dan il-Ftehim. Id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Konġunt għandhom ikunu adottati bi qbil reċiproku bejn il-Partijiet. Id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet għandhom jiġu adottati wara t-tlestija mill-Partijiet tal-proċeduri interni rispettivi tagħhom skont il-liġijiet u r-regolamenti tagħhom.
2. Kull deċiżjoni għandha tkun vinkolanti mid-data tal-adozzjoni tagħha.
3. Meta l-Kumitat Konġunt jadotta deċiżjonijiet jew rakkomandazzjonijiet, tali atti għandu jkollhom it-titolu "Deċiżjoni" jew "Rakkomandazzjoni" rispettivament, segwit b'numru tas-serje, id-data tal-adozzjoni tagħhom u deskrizzjoni tas-suġġett tagħhom.
4. Il-Kumitat Konġunt jista' jieħu deċiżjonijiet jew jagħmel rakkomandazzjonijiet bi proċedura bil-miktub jekk iż-żewġ Partijiet jaqblu li jsir hekk. Permezz ta' qbil reċiproku bejn il-Partijiet, tista' tkun prevista data ta' skadenza għat-tlestija tal-proċedura bil-miktub, li fit-tmiem tagħha l-President u l-Kopresident tal-Kumitat Konġunt jista' jiddikjara, sakemm waħda mill-Partijiet ma tikkomunikax mod ieħor, li ntlaħaq qbil reċiproku bejn il-Partijiet.
5. Id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet adottati mill-Kumitat Konġunt għandhom jiġu awtentikati permezz ta' żewġ kopji oriġinali.
6. Kull Parti tista' tiddeċiedi fuq il-pubblikazzjoni tad-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Konġunt fil-pubblikazzjoni uffiċjali rispettiva tagħha.

## *Artikolu 9*

### *Korrispondenza*

1. Korrispondenza indirizzata lill-Kumitat Konġunt għandha tintbagħat lil wieħed mis-Segretarji, li min-naħa tiegħu jgħarraf lis-Segretarju l-ieħor.
2. Is-Segretarjat għandu jiżgura li l-korrispondenza indirizzata lill-Kumitat Konġunt tintbagħat lill-President u lill-Kopresident u tiġi ċċirkolata, fejn xieraq, bħala dokumenti msemmija fl-Artikolu 10 ta' dawn ir-regoli ta' proċedura.
3. Il-korrispondenza mill-President u l-Kopresident għandha tintbagħat lill-Partijiet mis-Segretarjat u fejn xieraq tiġi ċċirkolata bħala dokumenti msemmija fl-Artikolu 10 ta' dawn ir-regoli ta' proċedura.

## *Artikolu 10*

### *Dokumenti*

1. Meta d-deliberazzjonijiet tal-Kumitat Konġunt ikunu bbażati fuq dokumenti ta' appoġġ bil-miktub, tali dokumenti għandhom jiġu nnumerati u ċċirkolati mis-Segretarjat lill-Membri.

2. Kull Segretarju għandu jkun responsabbli għaċ-ċirkolazzjoni tad-dokumenti lir-rappreżentanti rispettivi fil-Kumitat Konġunt u sistematikament għall-ikkupjar lis-Segretarju l-ieħor.
3. Meta Parti tissottometti informazzjoni maħsuba biex tiġi ttrattata b'mod kunfidenzjali, il-Parti l-oħra għandha tittratta l-informazzjoni bħala tali.

#### *Artikolu 11*

##### *Spejjeż*

1. Kull Parti għandha tiegħu ħsieb kwalunkwe spiża li ġġarrab bħala riżultat tal-parteċipazzjoni fil-laqgħat tal-Kumitat Konġunt, kemm fir-rigward tal-impjegati, l-ivvjaġġar u n-nefqa tal-għajxien, kif ukoll fir-rigward tan-nefqa tal-posta u tat-telekomunikazzjonijiet.
2. In-nefqa b'rabta mal-organizzazzjoni tal-laqgħat u mar-riproduzzjoni tad-dokumenti għandha titħallas mill-Parti li tkun qiegħda tospita l-laqgħa.

#### *Artikolu 12*

##### *Emenda fir-regoli ta' proċedura*

Dawn ir-regoli ta' proċedura jistgħu jiġu emendati permezz ta' qbil reċiproku bejn il-Partijiet, permezz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt f'konformità mal-Artikolu 8.

#### *Artikolu 13*

##### *Gruppi ta' Ħidma Speċjalizzati*

1. Il-Kumitat Konġunt jista' jiddeċiedi li jistabbilixxi gruppi ta' ħidma speċjalizzati biex jgħinuh fit-tweqqif tal-kompiti tiegħu.
2. Il-Kumitat Konġunt għandu jiddetermina t-termini ta' referenza tal-gruppi ta' ħidma speċjalizzati stabbiliti skont il-paragrafu 1.
3. Il-gruppi ta' ħidma speċjalizzati għandhom jirrapportaw lill-Kumitat Konġunt wara kull waħda mil-laqgħat tagħhom.
4. Il-gruppi ta' ħidma speċjalizzati ma għandu jkollhom l-ebda setgħa li jieħdu deċiżjonijiet iżda jistgħu jippreżentaw rakkomandazzjonijiet lill-Kumitat Konġunt.

## ANNEX 2

### DEĊIŻJONI Nru 2 /[..../] TAL-KUMITAT KONĠUNT UE-TAJLANDJA

ta'....

**fir-rigward tal-adozzjoni tat-termini ta' referenza tal-Gruppi ta' Ħidma Speċjalizzati**

IL-KUMITAT KONĠUNT UE-TAJLANDJA,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Qafas dwar Sħubija u Kooperazzjoni Komprensivi bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Renju tat-Tajlandja, min-naħa l-oħra<sup>2</sup> ("il-Ftehim"), u b'mod partikolari l-Artikolu 52 tiegħu, u l-Artikolu 13 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 13 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, il-Kumitat Konġunt jista' jistabbilixxi Gruppi ta' Ħidma Speċjalizzati sabiex jgħinuh fit-twettiq tal-kompiti tiegħu,
- (2) L-adozzjoni tat-termini ta' referenza tal-Gruppi ta' Ħidma Speċjalizzati stabbiliti fl-Anness jenħteġ li ma tippreġudikax il-kontinwazzjoni u lanqas il-proċeduri tad-Djalogu dwar ix-Xogħol bejn l-UE u t-Tajlandja jew tal-Grupp ta' Ħidma bejn l-UE u t-Tajlandja dwar il-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU, Illegal, Unreported and Unregulated),

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### *Artikolu 1*

1. B'dan huma stabbiliti l-Gruppi ta' Ħidma Speċjalizzati tal-Kumitat Konġunt, kif jinsabu fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni.
2. B'dan huma adottati t-termini ta' referenza tal-Gruppi ta' Ħidma Speċjalizzati tal-Kumitat Konġunt, kif jinsabu fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.

#### *Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva fid-data tal-adozzjoni tagħha

Iffirmata fi ...,

*Għall-Kumitat Konġunt UE-Tajlandja*

*Il-President u l-Kopresident*

---

<sup>2</sup> ĠU UE L 330, 23.12.2022, p. 72–108

## ANNEX I

### **GRUPPI TA' ĦIDMA SPEĊJALIZZATI TAL-KUMITAT KONĠUNT UE-TAJLANDJA**

- (1) Grupp ta' Ħidma Speċjalizzat dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Governanza
- (2) Grupp ta' Ħidma Speċjalizzat dwar il-Kummerċ u l-Investment
- (3) Grupp ta' Ħidma Speċjalizzat dwar l-Iżvilupp Sostenibbli u t-Tranżizzjoni Ekoloġika

## ANNEX II

### **Termini ta' referenza tal-Gruppi ta' Ħidma Speċjalizzati stabbiliti skont il-Ftehim Qafas dwar Sħubija u Kooperazzjoni Komprensivi bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Renju tat-Tajlandja, minnaħa l-oħra**

#### *Artikolu 1*

1. Fil-laqgħat tiegħu, kull grupp ta' ħidma speċjalizzat jista' jittratta l-implimentazzjoni tal-Ftehim fl-oqsma li huwa jkopri.
2. Il-gruppi ta' ħidma speċjalizzati jistgħu jiddiskutu wkoll suġġetti jew proġetti speċifiċi relatati mal-qasam rilevanti ta' kooperazzjoni bilaterali.
3. Każijiet individwali jistgħu wkoll jiġu diskussi meta dan jintalab minn waħda miż-żewġ Partijiet.

#### *Artikolu 2*

Il-gruppi ta' ħidma speċjalizzati għandhom jaħdmu taħt l-awtorità tal-Kumitat Konġunt. Huma għandhom jirrapportaw u jibagħtu l-minuti u l-konklużjonijiet tagħhom lill-President tal-Kumitat Konġunt fi żmien 30 jum kalendarju wara kull laqgħa.

#### *Artikolu 3*

Kull grupp ta' ħidma speċjalizzat għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Partijiet kompetenti għall-kwistjonijiet li jkopri. Bi qbil tal-Partijiet, il-gruppi ta' ħidma speċjalizzati jistgħu jistiednu esperti għal-laqgħat tagħhom u jistgħu jisimgħu mingħandhom rigward punti speċifiċi fuq l-aġenda, kif ikun xieraq.

#### *Artikolu 4*

Il-gruppi ta' ħidma speċjalizzati għandhom ikunu ppreseduti b'mod alternat mill-Partijiet, skont ir-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt. Il-Parti l-oħra għandha taġixxi bħala Kopresident. Il-President u l-Kopresident għandhom ikunu rappreżentant tal-awtorità kompetenti għall-kwistjonijiet koperti minn kull korp.

#### *Artikolu 5*

Rappreżentant tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u rappreżentant tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin tat-Tajlandja għandhom jaġixxu b'mod konġunt bħala Segretarji tal-gruppi ta' ħidma speċjalizzati, sakemm ma jiġix determinat mod ieħor minn kull Parti abbażi tal-kompiti tal-grupp ta' ħidma speċjalizzat partikolari. Il-komunikazzjonijiet kollha li jikkonċernaw il-gruppi ta' ħidma speċjalizzati speċifiċi għandhom jintbagħtu liż-żewġ Segretarji.

### *Artikolu 6*

1. Il-gruppi ta' ħidma speċjalizzati m'għandhomx jiltaqgħu inqas minn darba kull sentejn f'Bangkok u fi Brussell b'mod alternat. Kull laqgħa għandha ssir f'post u f'data maqbulin mill-Partijiet.
2. Mal-wasla ta' talba għal laqgħa ta' grupp ta' ħidma speċjalizzat minn waħda mill-Partijiet, is-Segretarju tal-Parti l-oħra għandu jwieġeb fi żmien 15-il jum kalendarju.
3. F'każijiet ta' urġenza partikolari, il-laqgħat tal-gruppi ta' ħidma speċjalizzati jistgħu jitlaqqgħu fi żmien iqsar, bi qbil taż-żewġ Partijiet.
4. Jekk iż-żewġ Partijiet jaqblu, il-laqgħat tal-gruppi ta' ħidma speċjalizzati jistgħu jsiru eċċezzjonalment permezz ta' videokonferenza jew telekonferenza.
5. Qabel kull laqgħa, il-President u l-Kopresident għandhom ikunu informati dwar il-kompożizzjoni maħsuba tad-delegazzjoni taż-żewġ Partijiet.
6. Il-laqgħat tal-gruppi ta' ħidma speċjalizzati jitlaqqgħu b'mod konġunt miż-żewġ Segretarji.

### *Artikolu 7*

Il-punti għall-inklużjoni fl-aġenda għandhom jitressqu quddiem is-Segretarji mill-inqas 20 jum kalendarju qabel id-data tal-laqgħa tal-grupp ta' ħidma speċjalizzat inkwistjoni. Kwalunkwe dokument ta' sostenn għandu jiġi pprovdut lis-Segretarji mill-inqas 15-il jum kalendarju qabel il-laqgħa. Is-Segretarji se jikkomunikaw l-abbozz tal-aġenda mhux aktar tard minn 10 ijiem kalendarji qabel il-laqgħa. L-aġenda għandha tiġi finalizzata bil-qbil taż-żewġ Partijiet. F'ċirkostanzi ta' eċċezzjoni, bi qbil tal-Partijiet, jistgħu jiżdiedu punti fl-aġenda fi żmien qasir.

### *Artikolu 8*

1. Għandhom jittieħdu l-minuti ta' kull laqgħa.
2. Sakemm ma jkunx deċiż mod ieħor, il-laqgħat tal-gruppi ta' ħidma speċjalizzati ma għandhomx ikunu pubbliċi.

### *Artikolu 9*

1. Kull Parti għandha tiegħu ħsieb kwalunkwe spiża li ġġarrab bħala riżultat tal-parteċipazzjoni fil-laqgħat ta' grupp ta' ħidma speċjalizzat, kemm fir-rigward tal-impjegati, l-ivvjaġġar u n-nefqa tal-għajxien, kif ukoll fir-rigward tan-nefqa tal-posta u tat-telekomunikazzjonijiet.
2. In-nefqa b'rabta mal-organizzazzjoni tal-laqgħat u mar-riproduzzjoni tad-dokumenti għandha titħallas mill-Parti li tkun qiegħda tospita l-laqgħa.

### *Artikolu 10*

Għal aspetti oħra mhux koperti minn dawn it-termini ta' referenza, għandhom japplikaw b'analoġija r-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt.

---